



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2023
C(2023) 6846 final

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 17.10.2023

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1475 fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-istruttura tal-kodiċi tal-baġit u t-tip u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 17.10.2023

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1475 fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-istruttura tal-kodiċi tal-baġit u t-tip u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jstabilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jiffasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 133 u l-Artikolu 134(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-punt 2(a)(iv) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1475² l-għadd ta' ċifri assenjati lill-kodiċi tal-baġit wera li mhux biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-għadd tal-ammonti ta' unita għall-interventi tal-PAK. Konsegwentement, biex tiġi żgurata ċ-ċarezza u l-koerenza, jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-kodiċi tal-baġit li trid tiġi rrapportata tneħħi r-referenza għall-għadd ta' ċifri u l-punt 2(a)(iv) ta' dak l-Anness jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (2) Il-punt 7 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1475, jipprevedi rapport annwali tal-informazzjoni dwar is-suq għal setturi oħra msemmija fl-Artikolu 42(f) tar-Regolament (UE) 2021/2115. Sabiex tkun tista' tiġi vvalutata r-rata ta' organizzazzjoni fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, fis-settur tal-ħops u fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, li se tippermetti valutazzjoni aħjar tal-kopertura tal-politika agrikola komuni, jenħtieġ li tinġabar *data* dwar l-erja totali skont il-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex, il-produzzjoni tal-ħops u skont il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda minn produttori organizzati f'organizzazzjonijiet tal-produtturi, organizzazzjonijiet tal-produtturi tranżnazzjonali, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet tranżnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi. Biex jiġi żgurat il-ġbir ta' din id-*data* jenħtieġ li tiġi emendata l- "Formola A.7." fil-punt 7 ta' dak l-Anness.
- (3) Biex jiġi żgurat il-ġbir ta' *data* dwar il-baġit ta' gruppi operazzjonali transfruntieri/tranżnazzjonali u l-baġit totali ta' gruppi operazzjonali għajr dawk appoġġati mill-FAEŻR, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu *data* addizzjonali dwar

¹ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1.

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1475 tas-6 ta' Settembru 2022 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-għoti ta' informazzjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni (ĠU L 232, 7.9.2022, p. 8).

finanzjament mhux nazzjonali addizzjonali jew kontribuzzjonijiet privati. Għalhekk, il-punt (n)(iv) u l-punt (p) tal-punt 1 tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1475 jenħtieġ li jiġu emendati.

- (4) L-Artikolu 2(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1475 jirrikjedi li, bħala parti mill-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u, fejn rilevanti, l-Istati Membri jwettqu valutazzjoni ta' interventi jew suġġetti speċifiċi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Il-punt 4(b) tal-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jinkludi referenza żbaljata għall-Artikolu 2(e) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni meta jenħtieġ li jirreferi għall-punt (d) ta' dak l-Artikolu. Biex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-koerenza, jenħtieġ li l-punt 4(b) ta' dak l-Anness jiġi kkoreġut skont dan.
- (5) Huma meħtieġa wkoll korrezzjonijiet ta' ftit żbalji fid-dispożizzjonijiet dwar it-tikketti tal-varjabbli stabbiliti fl-Annessi II, IV u VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1475.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1475 jiġi emendat u kkoreġut skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Agrikola Komuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet emendatorji

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1475 huwa emendat kif ġej:

- (1) il-punt 2(a)(iv) tal-Anness IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iv) M040: kodiċi tal-baġit

Din il-kaxxa tipprovdi l-kodiċi tal-baġit, li jinkludi n-nomenklatura tal-baġit, it-tip ta' intervent, is-settur u s-sotto-settur, l-indikatur tal-output, l-intervent, l-ammont ta' unità, it-tnaqqis tar-rata tal-ħlas jew tal-kontribuzzjoni, u s-sena kalendarja;”;
- (2) il-punt 7 tal-Anness V huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7. Formola A.7.

Din il-formola tikkonċerna s-settur tal-frott u l-ħxejjex, is-settur tal-ħops, is-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, u s-setturi l-oħra msemmija fl-Artikolu 42, il-punti (a) u (d) sa (f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, li għalihom l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena l-informazzjoni dwar is-suq li ġejja għas-sena kalendarja preċedenti:

 - (a) l-erja totali (f'ettari) tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex minn OP, OPT, AOP u ATOP (eskluż il-faqqieġh);
 - (b) l-erja totali (f'ettari) tal-produzzjoni tal-ħops minn OP, OPT, AOP u ATOP;
 - (c) l-erja totali (f'ettari) tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda minn OP, OPT, AOP u ATOP;
 - (d) għal setturi oħra:

- għas-setturi tal-għelejjel msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punti (a) sa (e), (h), (k) u (m), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u s-setturi li jkopru l-prodotti elenkati fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-erja totali (f'ettari) koperta u/jew il-volum (f'tunnellati) prodott minn OP, OPT, AOP u ATOP;
- għas-setturi tal-bhejjem msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punti (o) sa (t) u (w), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u s-setturi li jkopru l-prodotti elenkati fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-għadd totali ta' animali u/jew il-volum (f'tunnellati) prodott minn OP, OPT, AOP u ATOP.”;

(3) il-punt 1 tal-Anness VI huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (iv) tal-punt (n) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iv) il-baġit għal kull Stat Membru/reġjun li jifforma parti mill-proġett, finnefqa pubblika, li jiġbor f'daqqa l-kontribuzzjonijiet kollha (FAEŻR, kofinanzjament nazzjonali, finanzjament nazzjonali addizzjonali u finanzjament ieħor, jekk applikabbli);”;

(b) il-punt (p) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(p) baġit totali: il-kontribuzzjonijiet totali tal-proġett (FAEŻR, kofinanzjament nazzjonali, finanzjament nazzjonali addizzjonali u finanzjament ieħor, jekk applikabbli)”.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet ta' korrezzjoni

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1475 huwa kkoreġut kif ġej:

(1) il-punt 4(b) tal-Anness II huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) fejn rilevanti, l-evalwazzjonijiet biex jiġu vvalutati suġġetti speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (d);”;

(2) l-Anness IV huwa kkoreġut kif ġej:

(a) fil-punt 2(b)(i) l-intestatura “M050: ammont totali mħallas (fondi tal-UE)” hija sostitwita b'dan li ġej:

“M050: ammont totali tal-fondi tal-UE”;

(b) fil-punt 4(a) l-intestatura “B010: l-ID unika tal-benefiċjarju” hija sostitwita b'dan li ġej:

“B010: identifikatur uniku tal-benefiċjarju”;

(3) il-punt 1(i) tal-Anness VI huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(i) l-istatus tal-proġett: għadu għaddej, lest, ikkanċellat;”.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17.10.2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN